Draft

**A.L. tal-2020**

**ATT DWAR IL-PROTEZZJONI TAL-AMBJENT**
**(KAP. 549)**

**ATT DWAR IS-SIGUREZZA TAL-PRODOTTI**
**(KAP. 427)**

**Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart (Emenda Nru 2)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 54 u 55 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent, u bl-artikolu 38 tal-Att dwar is-Sigurezza tal-Prodotti, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, u l-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar l-Ippakkjar u l-Iskart tal-Ippakkjar fil-Maniġġar tal-Iskart, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

L.S. 549. 43.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "kif emendata mid-Direttiva 2004/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u d-Direttiva 2005/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kif emendata bid-Direttiva 2004/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, bid-Direttiva 2005/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2005 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ, bid-Direttiva (UE) 2015/720 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 li temenda d-Direttiva 94/62/KE rigward it-tnaqqis tal-konsum tal-basktijiet tal-plastik ħfief u bid-Direttiva (UE) 2018/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li temenda d-Direttiva 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ."; u

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(4) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu miżuri mmirati, bħala l-ewwel prijorità, lejn il-prevenzjoni tal-produzzjoni tal-iskart mill-ippakkjar u, bħala prinċipji fundamentali addizzjonali, l-użu mill-ġdid tal-ippakkjar, lejn ir-riċiklaġġ u lejn forom oħra tal-irkupru tal-iskart mill-ippakkjar u, għalhekk, lejn it-tnaqqis tal-qerda finali

Draft

ta' dan l-iskart sabiex tikkontribwixxi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.".

**3.** Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih qabel it-tifsira "l-Att" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Aġenzija" tfisser l-Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ stabbilita bl-Ordni li jwaqqaf l-Aġenzija għall-Irkupru tar-Riżorsi u Riċiklaġġ;"; L.S. 595. 28.

(ii) minnufih wara t-tifsira "distributur" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ippakkjar imħallat" tfisser ippakkjar magħmul minn żewġ saffi jew aktar ta' materjali differenti, u li ma jistax jiġi separat bl-idejn u jifforma unità integrali waħda, li tikkonsisti minn reċipjent intern u interkjużura esterna, li hija mimlija, maħżuna, trasportata u żvujtjata bħala tali;";

(iii) minnufih wara t-tifsira "ippakkjar imħallat" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "ippakkjar li jista' jerġa' jintuża" tfisser ippakkjar li nħoloq, li ġie ddisinjat u li tqiegħed fis-suq biex matul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu jwettaq diversi vjaġġi jew rotazzjonijiet billi jimtela mill-ġdid jew jintuża mill-ġdid għall-istess skop li għalih kien inħoloq;";

(iv) it-tifsira "imqiegħed fis-suq" għandha tiġi mħassra;

(v) it-tifsira "ippakkjar tal-konsumatur" għandha tiġi mħassra;

(vi) minnufih wara t-tifsira "kategoriji tal-

Draft

ippakkjar" għandha tizdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "Kumitat Konsultattiv dwar Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi" jew "Kumitat Konsultattiv EPR" tfisser il-kumitat stabbilit taħt ir-regolament 5 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi;";

A.L. XX tal-2020.

(vii) minnufih wara t-tifsira "Kumitat Konsultattiv dwar Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi" jew "Kumitat Konsultattiv EPR" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "id-disponibilità fis-suq" tfisser kull fornitura ta' ppakkjar, materjal tal-ippakkjar jew oġġetti ppakkjati għad-distribuzzjoni, konsum jew użu fis-suq f'Malta waqt it-twettiq ta' attività kummerċjali, kemm b'korrispettiv ta' ħlas kif ukoll b'xejn;";

(viii) fil-verżjoni bl-Ingliż, it-tifsira "organic recycling" għandha tiġi mħassra;

(ix) minnufih wara t-tifsira "skart tal-ippakkjar irkuprat" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "skart tal-ippakkjar muniċipali" tfisser is-sehem tal-iskart mill-ippakkjar fi skart muniċipali kif imfisser fir-Regolamenti dwar l-Iskart;";

L.S. 549. 63.

(x) it-tifsira "skema awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar" għandha tiġi mħassra u minnufih wara t-tifsira "operatur ekonomiku" għandha tiżdied it-tifsira

Draft

ġdida li ġejja:

" "organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar" tfisser organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produtturi kif imfissra fir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi kif awtorizzata mill-awtorità kompetenti skont dawn ir-regolamenti, li l-membri tagħha, permezz ta' dawn ir-regolamenti u s-sħubija tagħhom f'dik l-organizzazzjoni, kuma eżenti minn parti minn dawn ir-regolamenti;";

A.L. XX tal-2020.

(xi) it-tifsira "ppakkjar ta' maħzen *back-end*" għandha tiġi mħassra;

(xii) it-tifsira "prevenzjoni" għandha tiġi mħassra;

(xiii) it-tifsira "rata ta' riċiklaġġ" għandha tiġi mħassra;

(xiv) it-tifsira "rata ta' rkupru jew inċinerazzjoni f'impjanti tal-inċinerazzjoni bl-irkupru tal-enerġija" għandha tiġi mħassra;

(xv) it-tifsira "riċiklaġġ" għandha tiġi mħassra;

(xvi) it-tifsira "rimi" għandha tiġi mħassra;

(xvii) it-tifsira "rkupru tal-enerġija" għandha tiġi mħassra;

(xviii) it-tifsira "skart tal-ippakkjar irkuprat" għandha tiġi mħassra;

(xix) it-tifsira "skart tal-ippakkjar irkuprat jew inċinerat f'impjanti tal-inċinerazzjoni tal-iskart bl-irkupru tal-enerġija" għandha tiġi mħassra;

(xx) it-tifsira "skart tal-ippakkjar riċiklat" għandha tiġi mħassra;

(xi) minnufih wara t-tifsira "tbiddel" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "tqegħid fis-suq" tfisser id-disponibilità fis-suq f'Malta, għall-ewwel darba, ta' ppakkjar,

Draft

materjal tal-ippakkjar jew oġġetti ppakkjati;";

(xxii) it-tifsira "użu jew użat mill-ġdid" għandha tiġi mħassra; u

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

(2) It-tifsiriet "rimi", "skart", "maniġġar tal-iskart", "ġbir", "ġbir separat", "prevenzjoni", "użu mill-ġdid", "trattament", "rkupru" u "riċiklaġġ" għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart u t-tifsira "skema ta' responsabbiltà estiża tal-produtturi" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi.".

L.S. 549. 63.

A.L. XX tal-2020.

Jissostitwixxi r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

**4.** Ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Miri ta' rkupru u riċiklaġġ.

8. (1) Il-produtturi għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jintlaħqu l-miri stabbiliti fl-Iskeda 3.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi (d) u (f) tal-Iskeda 3, il-Ministru jista' jipposponi l-iskadenzi biex jintlaħqu l-miri msemmija fil-paragrafi (e) u (g) tal-Iskeda 3 sa massimu ta' ħames snin, skont il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) id-deroga hija limitata għal massimu ta' 15-il punt perċentwali minn mira unika jew maqsuma bejn żewġ miri;

(b) bħala riżultat tad-deroga, ir-rata ta' riċiklaġġ għal mira unika ma titnaqqasx taħt it-30%;

(ċ) bħala riżultat tad-deroga, ir-rata ta' riċiklaġġ għal mira unika msemmija fil-paragrafu (e)(v) u (vi) u l-paragrafu (g)(v) u (vi) tal-Iskeda 3 ma titnaqqasx taħt is-60%; u

Draft

(d) sa mhux aktar tard minn erbgħa u għoxrin xahar qabel l-iskadenza rispettiva stabbilita fil-paragrafi (e) jew (g) tal-Iskeda 3, il-Ministru jinnotifika lill-Kummissjoni Ewropea bl-intenzjoni tiegħu li jipposponi l-iskadenza rispettiva u jissottometti pjan ta' implimentazzjoni skont l-Anness IV għad-Direttiva 94/62/KE. Il-Ministru jista' jgħaqqad dak il-pjan flimkien ma' pjan ta' implimentazzjoni sottomess konformement mar-Regolamenti dwar l-Iskart.

L.S. 549. 63.

(3) Il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-ippakkjar f'Malta tista' titqies li tkun daqs l-ammont ta' ppakkjar li jitqiegħed fis-suq fl-istess sena kalendarja, fi ħdan it-territorju ta' Malta minn kull produttur.

(4) Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk intlaħqux il-miri stipulati fil-paragrafi (d) sa (g) tal-Iskeda 3:

(a) għandu jiġi kkalkulat il-piż tal-iskart mill-ippakkjar iġġenerat u riċiklat f'sena kalenarja partikolai; u

(b) il-piż tal-iskart mill-ippakkjar riċiklat għandu jiġi kkalkulat li sar skart li, wara li jkun għadda mill-verifiki, is-separazzjonijiet u operazzjonijiet preliminari oħra kollha meħtieġa biex jitneħħew il-materjali tal-iskart li mhumiex immirati għal ipproċessar mill-ġdid sussegwenti u biex jiġi żgurat riċiklaġġ ta' kwalità għolja, jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ fejn il-materjali tal-iskart huma fil-fatt ipproċessati mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi.

(5) Għall-finijiet tas-subregolament (4)(a), il-piż tal-iskart mill-ippakkjar riċiklat għandu jitkejjel meta l-iskart jidħol fl-operazzjoni ta' riċiklaġġ:

Iżda b'deroga, il-piż tal-iskart mill-ippakkjar riċiklat jista' jitkejjel fl-*output* ta' kwalunkwe operazzjoni ta' separazzjoni:

Hekk iżda li:

(a) tali *output* ta' skart huwa sussegwentement riċiklat; u

Draft

(b) il-piż tal-materjali jew tas-sustanzi li jitneħħew minn operazzjonijiet ulterjuri qabel l-operazzjoni ta' riċiklaġġ u mhumiex sussegwentement riċiklati mhuwiex inkluż fil-piż tal-iskart rrappurtat bħala riċiklat.

(6) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistema effettiva ta' kontroll tal-kwalità u ta' traċċabbiltà tal-iskart mill-ippakkjar, sabiex tiżgura li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fis-subregolamenti (4)(a) u (5)(a) u (b). Sabiex tiġi żgurata affidabbiltà u akkuratezza tad-*data* miġbura dwar l-iskart mill-ippakkjar riċiklat, is-sistema tista' tikkonsisti minn reġistri elettroniċi maħluqin skont ir-regolament 33(5) tar-Regolamenti dwar l-Iskart, speċifikazzjonijiet tekniċi għar-rekwiżiti ta' kwalità tal-iskart separat, jew rati medji ta' telf għall-iskart isseparat għal diversi tipi ta' skart u prattiki ta' mmaniġġjar tal-iskart rispettivament. Ir-rati medji ta' telf għandhom jintużaw biss f'każijiet fejn id-*data* affidabbli ma tistax tinkiseb b'mod ieħor u għandhom jiġu kkalkolati abbażi tar-regoli ta' kalkolu stabbiliti skont l-Artikolu 11a (10) tad-Direttiva 2008/98/KE.

L.S. 549.63

(7) Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk il-miri stipulati fil-paragrafi (d) sa (g) tal-Iskeda 3 intlaħqux, l-ammont ta' skart mill-ippakkjar bijodegradabbli li jsirlu trattament aerobiku u anerobiku jista' jingħadd bħala riċiklat meta dak it-trattament jiġġenera kompost, diġestat jew *output* ieħor bi kwantità simili ta' kontenut riċiklat meta mqabbel mal-*input*, li għandu jintuża bħala prodott, materjal jew sustanza riċiklati:

Iżda meta l-*output* huwa użat fuq l-art, l-awtorità kompetenti tista' tgħoddu bħala riċiklat biss jekk dan l-użu jirriżulta f'benefiċċji għall-agrikoltura jew titjib ekoloġiku.

(8) L-ammont ta' materjali tal-iskart mill-ppakkjar li waqaf milli jkun skart b'riżultat ta' operazzjoni ta' tħejjija qabel ma jiġi pproċessat mill-ġdid, jista' jingħadd bħala skart riċiklat sakemm tali materjali jkunu maħsuba għal ipproċessar sussegwenti mill-ġdid fi prodotti, materjali jew sustanzi li huma destinati għall-użu oriġinali jew għal skopijiet oħra:

Draft

Madankollu, materjali tat-tmiem tal-iskart li jintużaw bħala fjuwils jew mezzi oħra biex tiġi ġġenerata l-enerġija, jew sabiex ikunu inċinerati, jintradmu jew jintremew f'*landfills*, ma għandhomx jingħaddu fil-kalkolu tal-kisba tal-miri tar-riċiklaġġ.

(9) Għall-finijiet tal-kalkolu ta' jekk ikunu intlaħqu l-miri stipulati fil-paragrafi (d) sa (g), fl-Iskeda 3, jista' jitqies ir-riċiklaġġ tal-metalli separati wara l-inċinerazzjoni tal-iskart proporzjonalment mas-sehem tal-iskart mill-ippakkjar inċinerat, sakemm il-metalli riċiklati jilħqu l-kriterji ta' kwalità stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni l-att ta' implimentazzjoni 2005/270 (KE) li tistabbilixxi l-*formats* li jirrigwardaw is-sistema tad-*database* konformement mad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ippakkjar u l-iskart mill-ippakkjar, kif emendata.

(10) L-iskart mill-ippakkjar mibgħut lil Stat Membru ieħor għall-finijiet ta' riċiklaġġ f'dak l-Istat Membru l-ieħor jista' jingħadd biss lejn l-ilħiq tal-miri stipulati fil-paragrafi (d) sa (g) tal-Iskeda 3 mill-awtorità kompetenti fejn l-iskart mill-ippakkjar ikun inġabar.

(11) L-iskart mill-ippakkjar esportat mill-Unjoni Ewropea għandu jingħadd lejn l-ilħiq tal-miri stipulati fis-subregolament (1) fil-każ biss li jkunu ġew sodisfatti r-rekwiżiti tas-subregolament (6) u jekk, skont ir-Regolament (KE) Nru 1013/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-esportatur jista' jagħti prova li l-vjeġġ tal-iskart jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dak ir-Regolament u li t-trattament tal-iskart mill-ippakkjar barra mill-Unjoni Ewropea jkun sar f'kundizzjonijiet ġeneralment ekwivalenti għar-rekwiżiti tal-liġi ambjentali rilevanti tal-Unjoni Ewropea.

Draft

(12) Għall-applikazzjoni ta' dan ir-regolament, għandhom japplikaw ir-regoli dwar il-kalkolu, il-verifika u r-rappurtar ta' *data*, b'mod partikolari fir-rigward tal-piż tal-iskart tal-ippakkjar iġġenerat stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni l-att ta' implimentazzjoni 2005/270 (KE) li tistabbilixxi l-*formats* li jirrigwardaw is-sistema tad-*database* konformement mad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ippakkjar u l-iskart mill-ippakkjar, kif emendata.".

Jissostitwixxi r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

**5.** Ir-regolament 9 tar regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bir-regolament ġdid li ġej:

"Sistemi ta' informazzjoni u rappurtar.

9. L-awtorità kompetenti għandha żżomm *database* li jkun fih *records* annwali dwar l-ippakkjar u l-iskart tal-ippakkjar skont il-format stabbilit fl-Artikolu 12(2) u fl-Anness III għad-Direttiva 94/62/KE, kif emendata.".

Jemenda r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

**6.** Ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) in-nota marġinali tiegħu għandha tiġi sostitwita bil-kliem "Miżuri nazzjonali.";

(b) fis-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Il-Ministru, f'konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu l-miżuri neċessarji sabiex"; u

(ċ) il-paragrafu (a) tas-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi sostitwit bil-paragrafu ġdid li ġej:

"(a) jiżgura li, b'żieda mal-miżuri meħudin skont ir-regolament 4, jiġu implimentati miżuri oħra ta' prevenzjoni sabiex jipprevjenu l-ġenerazzjoni ta' skart tal-ippakkjar u biex jitnaqqas l-impatt tal-ippakkar fuq l-ambjent. Tali miżuri oħra ta' prevenzjoni jistgħu jikkonsistu fi programmi nazzjonali, inċentivi permezz ta' skemi ta' responsabbiltà estiża ta' produtturi biex jitnaqqas l-impatt tal-ippakkjar fuq l-ambjent jew azzjonijiet simili adottati, jekk ikun xieraq, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati bħal ma huma operaturi ekonomiċi, u organizzazzjonijiet tal-konsumaturi u ambjentali, u maħsuba biex iġibu flimkien u jieħdu vantaġġ mill-ħafna inizjattivi meħuda f'Malta f'dak li jirrigwarda l-

Draft

prevenzjoni.

Il-Ministru għandu jagħmel użu mill-istrumenti ekonomiċi u miżuri oħra biex jipprovdi inċentivi għall-applikazzjoni tal-ġerarkija dwar l-iskart bħal dawk indikati fl-Anness IVa għad-Direttiva 2008/98/KE jew strumenti u miżuri oħra xierqa;".

**7.** Minnufih wara r-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jiżdied ir-regolament ġdid li ġej:

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

"Użu mill-ġdid. L.S. 549. 63.

10A. (1) F'konformità mal-ġerarkija tal-iskart stipulata fir-regolament 4A tar-Regolamenti dwar l-Iskart, il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jinkoraġġixxi żieda fis-sehem ta' ippakkjar li jista' jerġa' jintuża li jitqiegħed fis-suq u ta' sistemi għall-użu mill-ġdid tal-imballaġġ b'mod ambjentalment korrett, mingħajr ma jikkompromettı l-iġjene tal-ikel jew is-sikurezza tal-konsumaturi. Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu, *inter alia*:

(a) l-użu ta' skemi ta' ippakkjar ritornabbli;

(b) l-istabbiliment ta' miri kwalitattivi jew kwantitattivi;

(ċ) l-użu ta' inċentivi ekonomiċi;

(d) l-istabbiliment ta' perċentwal minimu ta' ippakkjar li jista' jerġa' jintuża li jitqiegħed fis-suq kull sena għal kull fluss ta' ippakkjar.

(2) L-awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li produtturi jew terzi li jaġixxu f'isimhom jilħqu livell aġġustat tal-miri msemmija fil-paragrafi (d) sa (g) tal-Iskeda 3 għal sena partikolari billi jitqies is-sehem medju, fit-tliet snin preċedenti, tal-ippakkjar tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża mqiegħed fis-suq għall-ewwel darba u użat mill-ġdid bħala parti minn sistema biex l-ippakkjar jintuża mill-ġdid.

(3) Il-livell aġġustat imsemmu fis-subegolament (2) għandu jiġi kkalkolat billi jitnaqqas:

Draft

(a) mill-miri stabbiliti fil-paragrafi (d) u (f) tal-Iskeda 3, is-sehem tal-ippakkjar tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża msemmi fis-subregoloament (2) fl-ippakkjar tal-bejgħ kollu mqiegħed fis-suq; u

(b) mill-miri stabbiliti fil-paragrafi (e) u (g) tal-Iskeda 3, is-sehem tal-imballaġġ tal-bejgħ li jista' jerġa' jintuża msemmi fis-subregolament (2), magħmul mill-materjal tal-ippakkjar rispettiv, fl-ippakkjar tal-bejgħ kollu magħmul mill-materjal imqiegħed fis-suq:

Iżda mhux aktar minn ħames punti perċentwali ta' sehem bħal dan għandu jittieħed f'konsiderazzjoni għall-kalkolu tal-livell aġġustat rispettiv.

(4) L-ammonti tal-imballaġġ tal-injam li huwa msewwi għall-użu mill-ġdid jistgħu jittieħu f'konsiderazzjoni għall-ksib tal-miri stabbiliti fil-paragrafi (d), (e)(ii), (f) u (g)(ii) tal-Iskeda 3.

(5) Ir-regoli għall-kalkolu stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni l-att ta' implimentazzjoni 2005/270 (KE) li tistabbilixxi l-*formats* li jirrigwardaw is-sistema tad-*database* konformement mad-Direttiva 94/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-ippakkjar u l-iskart mill-ippakkjar, kif emendata, għandhom jgħoddu għas-subregolamenti (2), (3) and (4).".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

**8.** Ir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tiegħu, il-kliem ", sabiex jiġi assigurat li dawn is-sistemi jkunu miftuħa għall-operaturi ekonomiċi kollha" għandhom jiġu mħassra;

(ii) fil-paragrafu (b) tiegħu, il-kliem "skart tal-ippakkjar miġbur;" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "skart tal-ippakkjar miġbur."; u

(iii) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

Draft

"(4) Is-sistemi msemmija fis-subregolament (1) għandhom ikunu miftuħa għall-parteċipazzjoni tal-operaturi ekonomiċi tas-setturi kkonċernati u għall-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi kompetenti. Għandhom japplikaw ukoll għal prodotti importati taħt komdizzjonijiet ta' ebda diskriminazzjoni, inklużi arranġamenti u tariffi imposti għall-aċċess għas-sistemi, u għandhom ikunu mfassla b'mod li jevitaw kwalunkwe ostakolu għall-kummerċ jew distorsjoni fil-kompetizzjoni f'konformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.";

(ċ) is-subregolament (5) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(5) Il-miżuri msemmija fis-subregolamenti (1), (4) u (8) għandhom jiffurmaw parti minn politika li tkopri l-ippakkjar u l-iskart mill-ippakkjar kollu u għandhom iqisu, b'mod partikolari, ir-rekwiżiti rigward il-protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa tal-konsumatur, is-sikurezza u l-iġjene, il-protezzjoni tal-kwalità, l-awtentiċità u l-karatteristiċi tekniċi tal-prodotti ppakkjati u materjali użati, u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali u kummerċjali.";

(d) is-subregolament (6) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Produtturi li jagħżlu li jkunu awto-konformi għall-ippakkjar intiż għat-trasport għandhom jiżguraw li l-iskart tal-ippakkjar li jinħoloq fl-istabbiliment tagħhom jiġi ttrattat kif xieraq, kif meħtieġ għall-kisba tal-miri ta' rkupru u ta' riċiklaġġ stipulati fl-Iskeda 3.

Mingħajr preġudizzju għar-regolament 28, produttur awto-konformi li ma jirnexxilux jilħaq il-miri ta' rkupru u ta' riċiklaġġ stipulati fir-regolament 8 għandu jħallas miżata addizzjonali lill-awtorità kompetenti kif preskritt fit-Taqsima B tal-Iskeda 8:

Iżda sa meta il-produttur ma jissottomettix lill-awtorità kompetenti l-miżata addizzjonali kif preskritt fit-Taqsima B tal-Iskeda 8 hu m'għandux jitqies bħali li jkun ġedded ir-reġistrazzjoni tiegħu skont ir-regolament 21(2).";

(e) is-subregolament (7) tiegħu għandu jiġi sostitwit

Draft

bis-subregolament ġdid li ġej:

"(7) Skema awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tiffinanzja kwalunkwe sistema stabbilita għall-ġbir, it-trattament, l-irkupru u r-rimi li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tal-iskart tal-ippakkjar muniċipali ġġenerat:

Iżda organizzazzjoni awtorizzata ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tagħmel l-arranġamenti meħtieġa mal-Kunsilli Lokali għal:

(a) il-ġbir bieb b'bieb tal-iskart tal-ippakkjar muniċipali ġġenerat; u

L.S. 549. 63.

(b) il-provdiment ta' *bring-in sites* għall-ġbir separat, skont il-kategoriji, ta' skart tal-ippakkjar muniċipali skont il-kwota stipulata fir-regolament 10(2) tar-Regolamenti dwar l-Iskart. Għall-finijiet tal-*bring-in sites* imsemmija f'din id-dispożizzjoni, ġbir separat m'għandux jinkludi ġbir imħallat skont it-tifsira ta' ġbir imħallat fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Iskart:

Iżda ukoll meta l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar jonqsu milli jaslu għal qbil ma' Kunsilli Lokali partikolari, l-awtorità kompetenti, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv EPR, għandha talloka lil dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr arranġamenti fost l-organizzazzjonijiet awtorizzati ta' rkupru ta' skart tal-ippakkjar fuq il-bażi ta':

(a) l-aħħar dikjarazzjoni ta' kull tlett xhur sottomessa mill-organizzazzjoni awtorizzata għall-irkupru ta' skart tal-ippakkjar skont ir-regolament 17(1); u

(b) id-demografiċi attwali ta' dawk il-Kunsilli Lokali mingħajr arranġamenti.";

(f) minnufih wara s-subregolament (7) tiegħu għandhom

Draft

jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(8) L-awtorità kompetenti, f'konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv EPR, għandha tiżgura li, sal-31 ta' Diċembru 2024, l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ikunu stabbiliti għall-ippakkjar kollu skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Qafas ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produtturi.

A.L. XX tal-2020.

(9) Il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-awtorità kompetenti u mal-Aġenzija, għandu jieħu miżuri biex jippromwovi riċiklaġġ ta' kwalità għolja tal-iskart mill-ippakkjar u biex jiġu sodisfatti l-i*standards* ta' kwalità meħtieġa għas-setturi rilevanti tar-riċiklaġġ. Għal dak il-għan, ir-regolament 10Ċ(1) tar-Regolamenti dwar l-Iskart għandu japplika għall-iskart mill-ippakkjar, inkluż mill-ippakkjar imħallat.".

L.S. 549. 63.

**9.** Ir-regolament 16 tar-reolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

Jemenda r-regolament 16 tar-regolamenti prinċipali.

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż tas-subartikolu (1) tiegħu, it-tieni ċifra "16." għandha tiġi mħassra; u

(2) is-subregolamenti (2), (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu sostitwiti bis-subregolamenti ġodda li ġejjin:

"(2) Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, il-produtturi huma obbligati li jissieħbu ma' organizzazzjoni tal-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar debitament awtorizzata mill-awtorità kompetenti għall-ippakkjar kollu mqiegħed fis-suq:

Iżda produttur jista' jagħżel li jkunu awto-konformi għall-ippakkjar intiż għat-trasport li jitqiegħed fis-suq.

(3) Jekk produttur jagħżel l-awto-konformità, il-produttur huwa obbligat li jiffirma ftehim mad-distributur(i) biex jiġbor lura l-iskart għall-ippakkjar intiż għat-trasport. Jekk ma jkunx hemm ftehim, tkun meħtieġa parteċipazzjoni f'organizzazzjoni ta' rkupru ta' skart tal-ippakkjar kollu min-naħa tad-distributur.

(4) Fil-każ ta' produtturi li jagħżlu li jissieħbu f'organizzazzjoni awtorizzata tal-irkupru tal-iskart għall-

Draft

ippakkjar intiż għat-trasport, huma għandhom jagħmlu dan għall-kategoriji kollha tal-ippakkjar.".

Jemenda r-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali.

**10.** Ir-regolament 17 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (ċ) tas-subregolament (1) tiegħu, il-kliem "fi stqarrija ta' konformità." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "fi stqarrija ta' konformità;", u minnufih wara għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(d) Jipprovdi, abbażi ta' kull tlett xhur, dikjarazzjoni vverifikata, li jkun fiha informazzjoni dwar il-piż fattwali tal-ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar imqiegħed fis-suq nazzjonali mill-membri tal-organizzazzjoni awtorizzata tal-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar matul it-tlett xhur ta' qabel tas-sena kalendarja. Tali dikjarazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-Awtorità, fil-format stabbilit mill-Awtorità, fi żmien xahar wieħed (1) wara t-tmien ta' dak il-perjodu ta' tlett xhur u għandu jiġi ċċertifikat minn awditur indipendenti skont is-subregolament (4).";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

"(2) L-organizzazzjoni awtorizzata tal-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar għandha tippreżenta rapporti kull sitt xhur lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett (3) xhur kalendarji wara t-tmiem ta' dak il-perjodu, filwaqt li rapport annwali għandu jiġi ppreżentat lill-awtorità kompetenti fi żmien tlett (3) xhur kalendarji mill-għeluq tas-sena.

Ir-rapporti ta' kull sitt xhur u dawk annwali għandhom jinkludu minn tal-inqas l-informazzjoni stabbilita fit-Taqsima A u fit-Taqsima B tal-Iskeda 7 flimkien ma' kwalunkwe informazzjoni oħra speċifikata fl-awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtorità kompetenti.

Ir-rapporti ta' kull sitt xhur u dawk annwali għandhom jinħarġu u jiġu ffirmati minn kwalunkwe wieħed mill-firmatarji awtorizzati msemmija fl-Iskeda 13."; u

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu, il-kliem "kopja tar-rapporti trimestrali" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kopja diġitali tar-rapporti ta' kull sitt xhur".

Draft

**11.** Minnufih wara s-subregolament (7) tar-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali, għandhom jiżdiedu s-subregolamenti ġodda li ġejjin:

Jemenda r-regolament 21 tar-regolamenti prinċipali.

"(8) Produttur li jbigħ ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod direttament lil konsumaturi f'Malta u li hu stabbilit fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ieħor jew f'pajjiż terz għandu, meta japplika għar-reġistrazzjoni skont is-subregolament (1), jinnomina persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta bħala rappreżentant awtorizzat biex jiġu osservati l-obbligi tiegħu f'Malta, konformement ma' dawn ir-regolamenti, għall-ippakkjar jew il-materjal tal-ippakkjar li jkun qed jinbiegħ fit-territorju ta' Malta.

(9) In-nomina ta' rappreżentant awtorizzat għandha ssir permezz ta' prokura bil-miktub permezz ta' dikjarazzjoni kif stabbilita fl-Iskeda 14.".

**12.** Is-subregolament (10) tar-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi sostitwit bis-subregolament ġdid li ġej:

Jemenda r-regolament 24 tar-regolamenti prinċipali.

"(10) Mingħajr preġudizzju għar-regolament 28, organizzazzjoni awtorizzata tal-irkupru tal-iskart tal-ippakkjar li ma jirnexxilhiex tikseb il-minimu tal-miri ta' rkupru u ta' riċiklaġġ stipulati fir-regolament 8 għandha tissottometti lill-awtorità kompetenti miżata addizzjonali kif preskritt fit-Taqsima B tal-Iskeda 11.".

**13.** L-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

Jemenda l-Iskeda 2 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

(a) it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1 tagħha għandu jiġi sostitwit bis-subparagrafu ġdid li ġej:

"- L-ippakkjar għandu jkun iddisinjat, prodott u mqiegħed fis-suq b'tali mod li jippermetti l-użu mill-ġdid jew l-irkupru tiegħu, inkluż ir-riċiklaġġ, skont il-ġerarkija dwar l-iskart, u biex jimminimizza l-impatt tiegħu fuq l-ambjent meta skart tal-ippakkjar jew fdalijiet ta' operazzjoni konnessi mal-immaniġġar tal-iskart tal-ippakkjar jiġu mormija.";

(b) fil-verżjoni bl-Ingliż tas-subparagrafu (ċ) tal-paragrafu 3 tagħha, il-kelma "shall" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "does"; u

(ċ) fis-subparagrafu (d) tagħha, minnufih wara l-kliem

Draft

"biomassa u ilma." għandu jiżdied il-kliem "L-ippakkjar tal-plastik ossodegradabbli m'għandux jitqies bħala bijodegradabbli.".

Jissostitwiixi l-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**14.** L-Iskeda 3 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

"SKEDA 3

(Regolament 8)

MIRI TA' RKUPRU U RIĊIKLAĠĠ

Il-produtturi għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li fi kwalunkwe sena, għall-piż aggregat ta' skart tal-ippakkjar li jinġabar mill-produtturi jew terzi li jaġixxu f'isimhom:

(a) mhux inqas minn 60% tal-piż aggregat tal-ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar mqiegħed fis-suq jiġi rkuprat jew inċinerat f'impjant ta' inċinerazzjoni ta' skart b'irkupru ta' enerġija;

(b) mhux inqas minn 55% u mhux iżjed minn ta' 80% tal-piż aggregat tal-ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar mqiegħed fis-suq jiġi rkuprat billi jiġi riċiklat, u jejn ikun xieraq;

(ċ) mhux inqas minn -

(i) 60% bil-piż ta' ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar għall-ħġieġ, u kif ikun xieraq,

(ii) 60% bil-piż ta' ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar għal karta u kartun, u kif ikun xieraq,

(iii) 50% bil-piż ta' ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar għal metall, u kif ikun xieraq,

(iv) 22.5% bil-piż ta' ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar għal plastik, u kif ikun xieraq,

(v) 15% bil-piż ta' ippakkjar jew materjal tal-ippakkjar għall-injam,

imqiegħed fis-suq jiġi rkuprat permezz ta' riċiklaġġ;

(d) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025 mill-inqas 65% bil-piż tal-iskart kollu tal-ippakkjar jiġi riċiklat;

Draft

(e) sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025 il-miri li ġejjin bil-piż għal riċiklaġġ jintlaħqu fir-rigward tal-materjali speċifiċi li ġejjin li jkunu jinsabu fi skart tal-ippakkjar:

(i) 50% ta' plastik;

(ii) 25% ta' injam;

(iii) 70% ta' metalli tal-ħadid;

(iv) 50% ta' aluminju;

(v) 70% ta' ħġieġ;

(vi) 75% ta' karta u kartun;

(f) mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2030 mhux inqas minn 70% bil-piż tal-iskart kollu tal-ippakkjar jiġi riċiklat;

(g) mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2030 il-miri minimi li ġejjin bil-piż għar-riċiklaġġ jintlaħqu fir-rigward tal-materjali speċifiċi li ġejjin li jkunu jinsabu fi skart ta' ippakkjar:

(i) 55% ta' plastik;

(ii) 30% ta' injam;

(iii) 80% ta' metalli tal-ħadid;

(iv) 60% ta' aluminju;

(v) 75% ta' ħġieġ;

(vi) 85% ta' karta u kartun.".

Draft

Ihassar l-Iskeda 4 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**15.** L-Iskeda 4 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.

Jemenda l-Iskeda 5 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**16.** L-Iskeda 5 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) il-kliem "Name and address" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "- Name and address", u l-frażi għandha ssir l-ewwel paragrafu tat-Taqsima A tagħha;

(b) is-sitt paragrafu tat-Taqsima A tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"- Type of packaging or packaging material placed

on the market (sales packaging or grouped packaging or transport packaging)"; u

(ċ) it-tielet u r-raba' paragrafi tat-Taqsima B tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-paragrafi ġodda li ġejjin:

"- Quantities of packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities of sales packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities of reusable packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities of reusable sales packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- The number of rotations for all reusable packaging during the specific reporting period multiplied by their mass in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- The number of rotations for all reusable sales packaging during the specific reporting period multiplied by their mass in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities, by weight, of wooden packaging, that has been repaired during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities, by weight and by material, of collected packaging waste that has been recycled and

Draft

recovered during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;".

Jemenda l-Iskeda 7 tar-regolamenti prinċipali.

**17.** L-Iskeda 7 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) fil-verżjoni bl-Ingliż, is-subintestatura tagħha għandha tiġi sostitwita bis-subintestatura ġdida li ġejja:

"Information to be contained in the half-yearly and annual reports of an authorised packaging waste recovery organisation"; u

(b) it-tieni u t-tielet paragrafi tat-Taqsima A tagħha għandhom jiġu sostitwiti bil-paragrafi ġodda li ġejjin:

"- Quantities of packaging or packaging material placed on the national market by the producers who participate in the producer responsibility organisation, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities of sales packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities of reusable packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities of reusable sales packaging or packaging material placed on the national market, by weight and by material during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- The number of rotations for all reusable packaging during the specific reporting period multiplied by their mass in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- The number of rotations for all reusable sales

Draft

packaging during the specific reporting period multiplied by their mass in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities, by weight, of wooden packaging, that has been repaired during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;

- Quantities, by weight and by material, of collected packaging waste that has been recycled and recovered during the specific reporting period in accordance with the reporting formats to be established by the competent authority;".

Jemensa l-Iskeda 8 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**18.** It-Taqsima B tal-Iskeda 8 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bit-Taqsima ġdida li ġejja:

"*Part B: Additional fee for a self-compliant producer of packaging or packaging material*

A self-compliant producer of packaging or packaging material who failed to achieve the overall minimum recycling target set out in Schedule 3 during the previous operational year, shall submit an additional fee to the Authority within 3 months of the following year, calculated as follows:

$$A*(B - C)*D = AF_{self\text{-}compliant}$$

where:

"A" is the weight, in tonnes of transport packaging placed on the market in Malta during the operational year;

"B" is the overall minimum recycling target set out in Schedule 3 applicable for that operational year;

"C" is the rate of transport packaging waste recycled by the self-compliant producer during the previous operational year, provided that, if C is greater than or equal to B, $AF_{self\text{-}compliant}$ would be considered to be equal to zero (0);

"D" is a fee equivalent to:

- three hundred and twenty euro (€320) per tonne if the difference between "B" and "C" is more than 25 percentage points;

Draft

- two hundred and fifty euro (€250) per tonne if the difference between "B" and "C" is between 10 to 25 percentage points, both inclusive; and

- one hundred and eighty euro (€180) per tonne if the difference between "B" and "C" is less than 10 percentage points;

"$AF_{self\text{-}compliant}$" is the additional fee for a self-compliant producer who failed to achieve the overall minimum recycling target.

The competent authority shall indicate the administrative procedure for the issuing and collection of such additional fee, and shall notify the producer accordingly.

All revenue generated under Part B of this Schedule shall be payable to the Waste Management Fund as established in regulation 37 of the Waste Regulations (S.L. 549.63).".

Jemenda l-Iskeda 11 li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**19.** It-Taqsima B tal-Iskeda 11 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bit-Taqsima ġdida li ġejja:

"*Part B: Additional fee for an authorised packaging waste recovery organisation*

A packaging waste recovery organisation that failed to achieve the overall minimum recycling target set out in Schedule 3 during the previous operational year shall submit an additional fee to the Authority within 6 months of the following year, calculated as follows:

$$A*(B - C)*D = AF_{PRO}$$

where:

"A" is the total weight, in tonnes of packaging or packaging material put on the market in Malta by its members during the previous operational year;

"B" is the overall minimum recycling target set out in Schedule 3 applicable for that operational year;

"C" is the rate of total packaging waste recycled by the packaging waste recovery organisation during the previous operational year, provided that, if C is greater than or equal to B, $AF_{PRO}$ would be considered to be equal to zero (0);

Draft

"D" is a fee equivalent to:

- one hundred euro (€100) per tonne if the difference between "B" and "C" is more than 25 percentage points;

- seventy-five euro (€75) per tonne if the difference between "B" and "C" is between 10 to 25 percentage points, both inclusive; and

- fifty-five euro (€55) per tonne if the difference between "B" and "C" is less than 10 percentage points;

"$AF_{PRO}$" is the additional fee for an authorised packaging waste recovery organisation that failed to achieve the overall minimum recycling target.

The competent authority shall indicate the administrative procedure for the issuing and collection of such additional fee, and shall notify the authorised packaging waste recovery organisation accordingly.

All revenue generated under this Schedule shall be payable to the Waste Management Fund as established in regulation 37 of the Waste Regulations (S.L.549.63).".

Iżid skeda ġdida mar-regolamenti prinċipali.

**20.** Minnufih wara l-Iskeda 13 li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied l-Iskeda ġdida li ġejja:

"Skeda 14

(Regolament 21A)

Dikjarazzjoni ta' Prokura bil-Miktub

L-Isem tal-Produttur:

Indirizz:

b'dan jinnomina

L-Isem tal-persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta:

Indirizz:

Draft

, bħala r-rappreżentant awtorizzat tal-produttur f'Malta skont ir-regolament 21A.

L-Isem tal-persuna ġuridika jew fiżika stabbilita f'Malta:

b'dan jassumni r-responsabbiltajiet bħala r-rappreżentant awtorizzat f'Malta għal

L-Isem tal-Produttur:

, skont ir-Regolamenti dwar l-Immaniġġar tal-Ippjakkar u l-Iskart tal-Ippjakkar.

Din il-prokura, iffirmata miż-żewġ partijiet, tibda' sseħħ fid-data tal-firma sakemm ma jiġix iddikjarat mod ieħor, u għandha tiġi fi tmiem ladarba xi waħda mill-partijiet tinforma lill-awtorità kompetenti f'Malta li timmaniġġa r-reġistru nazzjonali li din il-prokura ġiet itterminata.

Min-naħa waħda,

L-Isem tal-Produttur:

Firma:

Data:

Min-naħa l-oħra,

l-Isem tar-Rappreżentant Awtorizzat:

Firma:

Data:".

**21.** (1) Fir-regolamenti prinċipali, il-kliem "skema ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar", kull fejn jinsabu, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "organizzazzjoni ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar".

Jemenda dispożizzjonijiet varji tar-regolamenti prinċipali.

Draft

(2) Fir-regolamenti prinċipali, il-kelma "skema", kull fejn tinsab, sakemm tali kelma ma tifformax parti mill-frażi "skema ta' rkupru tal-iskart tal-ippakkjar", għandha tiġi sostitwita bil-kliem "organizzazzjoni ta' responsabbiltà tal-produttur".

(3) Fil-verżjoni bl-Ingliż tar-regolamenti prinċipali, il-kliem "put on the market", kull fejn jinsabu, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "placed on the market"; u l-kliem "putting on the market", kull fejn jinsabu, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "placing on the market".

Draft